

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-116-IL SESSJONI PLENARJA TAL-10 U L-11 TA' FRAR 2016

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — L-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol

(2016/C 120/07)

Relatur:	Is-Sur ROSSI (IT/PSE), President tar-Reġjun ta' Toscana
Dokument ta' referenza:	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol
	COM(2015)462

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Emenda 1

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-persuni b'livell baxx ta' ħilet jew ta' kwalifiki, il-persuni minn pajjiżi terzi, il-persuni b'diżabbiltà u l-minoranzi żvantaġġati bħar-Rom huma fost dawk li huma l-iżjed vulnerabbli għal qgħad fit-tul. L-impjeg preċedenti jaqdi rwol importanti wkoll, peress li f'xi pajjiżi, l-aspetti settorjali u ċikliċi huma essenzjali biex tiġi spjegata l-persistenza tal-qgħad fit-tul.	Il-persuni b'livell baxx ta' ħilet jew ta' kwalifiki, in-nisa (speċjalment in-nisa b'livell baxx ta' kwalifiki) u l-ġenituri waħidhom, persuni qrib l-irtirar , il-persuni minn pajjiżi terzi, il-persuni b'diżabbiltà u li huma morda b'mod kroniku u l-minoranzi żvantaġġati bħar-Rom huma fost dawk li huma l-iżjed vulnerabbli għal qgħad fit-tul. Fir-rigward tal-qgħad fit-tul, iż-żgħażaġh ukoll għandhom importanza partikolari, minħabba l-implikazzjonijiet marbuta mar-riskji ta' esklużjoni soċjali, tluq bikri mill-iskola u telf ta' kapaċità produttiva tas-soċjetà bħala riżultat tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-impjeg preċedenti jaqdi rwol importanti wkoll, peress li f'xi pajjiżi, l-aspetti settorjali, reġjonali u ċikliċi huma essenzjali biex tiġi spjegata l-persistenza tal-qgħad fit-tul.

Emenda 2

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 7

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Hemm bżonn li l-investiment fil-kapital uman jitjieb u jsir iżjed effiċjenti, bl-għan li iktar nies ikollhom fidejhom kompetenzi tajbin u rilevanti, li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' hili, li titwitta t-triq għal tranżizzjoni mingħajr intoppi mit-tagħlim għad-dinja tax-xogħol u għal impjegabbiltà kontinwa. It-titjib tal-prestazzjoni u tar-rilevanza tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ se jgħin biex jitrażżan l-influss ta' persuni qiegħda ġodda. Għalhekk, l-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jeħtieġ' jitwettaq skont is-Semestru Ewropew, il-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u fit-Taħriġ (ET 2020) ⁽¹⁵⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁶⁾ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ⁽¹⁷⁾.</p> <p>⁽¹⁵⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-Edukazzjoni u t-Taħriġ ("ET 2020")</p> <p>⁽¹⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.</p> <p>⁽¹⁷⁾ C(2008) 5737</p>	<p>Hemm bżonn li l-investiment fil-kapital uman jitjieb u jsir iżjed effiċjenti, bl-għan li iktar nies ikollhom fidejhom kompetenzi tajbin u rilevanti, li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' hili, li titwitta t-triq għal tranżizzjoni mingħajr intoppi mit-tagħlim għad-dinja tax-xogħol u għal impjegabbiltà kontinwa. It-titjib tal-prestazzjoni u tar-rilevanza tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ flimkien mas-servizzi għall-impjegi se jgħinu biex jitrażżan l-influss ta' persuni qiegħda ġodda. Bl-istess mod, il-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola, waħda mill-miri tal-Ewropa 2020, ser tgħin biex tipprevjeni l-qgħad fit-tul, li huwa wieħed mill-kawżi sottostanti. Għalhekk, l-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jeħtieġ' jitwettaq skont is-Semestru Ewropew, il-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u fit-Taħriġ (ET 2020) ⁽¹⁵⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁶⁾ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ⁽¹⁷⁾.</p> <p>⁽¹⁵⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-Edukazzjoni u t-Taħriġ ("ET 2020")</p> <p>⁽¹⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.</p> <p>⁽¹⁷⁾ C(2008) 5737</p>

Emenda 3

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 8

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Bil-ħsieb li tiġi żviluppata strateġija kkoordinata għall-impjegi, il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri ⁽¹⁸⁾ jappellaw għat-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-qgħad strutturali u fit-tul permezz ta' strateġiji komprensivi li jsaħħu lil xulxin, fosthom l-appoġġ attiv personalizzat sabiex wieħed jerġa' lura fis-suq tax-xogħol.</p> <p>⁽¹⁸⁾ COM(2015) 098</p>	<p>Bil-ħsieb li tiġi żviluppata strateġija kkoordinata għall-impjegi, il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri ⁽¹⁸⁾ jappellaw għat-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-qgħad strutturali u fit-tul permezz ta' strateġiji komprensivi li jsaħħu lil xulxin, fosthom l-appoġġ attiv u inklużiv personalizzat sabiex wieħed jerġa' lura fis-suq tax-xogħol.</p> <p>⁽¹⁸⁾ COM(2015) 098</p>

Raġuni

Hemm bżonn ta' promozzjoni għall-injlużjoni soċjali.

Emenda 4

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 9

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Il-linji gwida jitolbu lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-impjegabbiltà billi jinvestu fil-kapital uman, permezz ta' sistemi xierqa ta' Edukazzjoni u Taħriġ li huma effikaċi u effiċjenti sabiex iżidu l-livell ta' ħilet tal-forza tax-xogħol, u jitolbu wkoll speċifikament lill-Istati Membri sabiex jinkoraġġixxu s-sistemi ta' taħriġ abbażi tax-xogħol bħas-sistemi ta' tagħlim doppju u sabiex isaħħu t-taħriġ professjonali. B'mod aktar ġenerali, il-linji gwida jitolbu lill-Istati Membri li jieħdu kont tal-prinċipji tal-flessigurtà u jsaħħu l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol billi jżidu l-effettività, il-mira, il-komunikazzjoni, il-kopertura u l-interazzjoni tagħhom b'appoġġ tad-dħul u l-forniment tas-servizz soċjali.</p>	<p>Il-linji gwida jitolbu lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-impjegabbiltà billi jinvestu fil-kapital uman, permezz ta' sistemi xierqa ta' Edukazzjoni u Taħriġ li huma effikaċi u effiċjenti sabiex iżidu l-livell ta' ħilet tal-forza tax-xogħol, u jitolbu wkoll speċifikament lill-Istati Membri sabiex jinkoraġġixxu s-sistemi ta' taħriġ abbażi tax-xogħol bħas-sistemi ta' tagħlim doppju u sabiex isaħħu t-taħriġ professjonali. B'mod aktar ġenerali, il-linji gwida jitolbu lill-Istati Membri li jieħdu kont tal-prinċipji tal-flessigurtà u inklużività u jsaħħu l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol billi jżidu l-effettività, il-mira, il-komunikazzjoni, il-kopertura u l-interazzjoni tagħhom b'appoġġ tad-dħul u l-forniment tas-servizz soċjali.</p>

Emenda 5

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 10

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>L-azzjonijiet li ġew proposti f'din ir-Rakkomandazzjoni għandhom ikunu kompletament kompatibbli mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u l-implimentazzjoni tagħhom għandha sseħħ f'konformità sħiħa mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir.</p>	<p>L-azzjonijiet li ġew proposti f'din ir-Rakkomandazzjoni għandhom ikunu kompletament kompatibbli mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u l-implimentazzjoni tagħhom għandha sseħħ f'konformità sħiħa mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. Madankollu, fil-kuntest tal-Patt, sabiex jiġi evitat li l-iżbilanċi bejn pajjiżi individwali jsiru inkontrollabbli u sabiex inkunu nistgħu niċċaqalqu b'mod effettiv lejn l-istabbilizzazzjoni taż-żona tal-euro, jistgħu jiġu identifikati miżuri straordinarji, abbażi ta' kunsens u fi żmien stabbilit, sabiex tingħata għajnuna lill-pajjiżi li s-servizzi tal-impjiegi tagħhom huma 'l bogħod mill-istandards stabbiliti mill-aħjar Prattika biex isiru l-bidliet meħtieġa.</p>

Raġuni

Minħabba d-differenzi eżistenti bejn is-servizzi ta' impjieg tal-Istati Membri, hija meħtieġa azzjoni biex jitjieb l-istandard ta' interventi fil-pajjiżi kollha. Għal dan, ir-rakkomandazzjoni li jiġu adattati s-servizzi trid tiġi akkumpanjata mill-proċess ta' identifikazzjoni tal-mekkaniżmi meħtieġa biex jappoġġawhom, peress li l-istrutturi tas-servizzi tal-impjieg huma ġeneralment iktar dgħajfin f'dawk il-pajjiżi fejn il-qgħad fit-tul huwa l-ogħla.

Emenda 6

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 15

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Għandhom jiġu żviluppati sforzi intensifikati għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li ntlaqtu l-iktar mill-qgħad fit-tul. Dan jeħtieġ li jimxi id f'id mar-reġistrazzjoni mtejba mas-servizzi tal-impjieg u ma' aġenziji kompetenti oħra sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kopertura tal-miżuri ta' appoġġ.</p>	<p>Għandhom jiġu żviluppati sforzi intensifikati għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li ntlaqtu l-iktar mill-qgħad fit-tul. Dan jeħtieġ li jimxi id f'id mar-reġistrazzjoni mtejba mas-servizzi tal-impjieg u ma' aġenziji kompetenti oħra sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kopertura tal-miżuri ta' appoġġ. Sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni tal-ikbar għadd ta' nies qiegħda mas-servizzi tal-impjieg għandu jkun hemm strateġija ta' komunikazzjoni speċifika, li tista' ssir aktar effettiva permezz tal-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madankollu, ir-reġistrazzjoni mas-servizzi tal-impjieg mhijiex, fiha nnifisha, miżura suffiċjenti jekk is-servizzi mhux se jkunu effiċjenti biex jipproponu pjan individwali li jwassal għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-persuni qiegħda mhux se jkunu disposti li jirreġistraw għas-servizzi, jekk dawn ma jkunux urew effikaċja. F'dan il-kuntest jirriżulta neċessarju li s-servizzi għall-impjieg jkunu aktar proattivi għall-impriżi.</p>

Raġuni

Ir-reġistrazzjoni mas-servizzi tal-impjieg ċertament teħtieġ strateġija tal-komunikazzjoni effettiva, iżda ħafna ser jiddependi mill-kapaċità tas-servizzi tal-impjieg għall-inklużjoni mill-ġdid tal-ħaddiem. Għal din ir-raġuni, il-kapaċità reali tal-Istati biex isaħħu l-istrutturi eżistenti hija wkoll kundizzjoni fundamentali biex il-persuni qiegħda jiġu mħeġġa jirreġistraw.

Emenda 7

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 17

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Jeħtieġ li l-approċċi individwalizzati biex jiġu appoġġati l-persuni li ilhom qiegħda, jindirizzaw ix-xkiel li jwassal għal qgħad persistenti, u jaġġornaw u jakkumpanjaw il-valutazzjoni inizjali li ssir mar-reġistrazzjoni. Dan jiggwida lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg lejn is-servizzi ta' appoġġ bħal konsulenza dwar id-dejn, ir-riabilitazzjoni, il-ħidma soċjali, is-servizzi tal-kura, l-integrazzjoni tal-migranti, l-akkomodazzjoni u l-appoġġ għat-trasport, li jindirizzaw l-ostakli għax-xogħol u jagħtu s-setgħa lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg biex jilhqgħu għanijiet ċari li jwasslu għal impjieg.</p>	<p>Jeħtieġ li l-approċċi individwalizzati biex jiġu appoġġati l-persuni li ilhom qiegħda, jindirizzaw ix-xkiel li jwassal għal qgħad persistenti, u jaġġornaw u jakkumpanjaw il-valutazzjoni inizjali li ssir mar-reġistrazzjoni. Dan jiggwida lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg lejn is-servizzi ta' appoġġ bħal konsulenza dwar id-dejn, ir-riabilitazzjoni, il-ħidma soċjali, is-servizzi tal-kura, l-integrazzjoni tal-migranti, l-akkomodazzjoni u l-appoġġ għat-trasport, li jindirizzaw l-ostakli għax-xogħol u jagħtu s-setgħa lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg biex jilhqgħu għanijiet ċari li jwasslu għal impjieg. Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-possibbiltà li jiġi previst l-obbligu ta' reġistrazzjoni mas-servizzi tal-impjieg għall-persuni qiegħda fit-tul li huma benefiċjarji ta' għajnuna mis-servizzi soċjali.</p>

Emenda 8

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa 20

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, ftehim ta' integrazzjoni f'impjeg ifisser ftehim bil-miktub bejn il-persuna li tkun qiegħda tfittex impjeg u l-punt ta' kuntatt waħdieni, bl-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn impjeg fis-suq tax-xogħol. Dawn il-ftehimiet, li jifasslu sabiex jirriflettu s-sitwazzjoni individwali tal-persuna li tkun qiegħda tfittex impjeg, jagħtu d-dettalji dwar pakkett ta' miżuri individwalizzati li jkunu disponibbli fil-livell nazzjonali (is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-taħriġ, is-servizzi soċjali), u li jkollhom l-għan li jappoġġaw u li jagħtu s-setgħa lill-persuni li jkunu qiegħdin ifittxu impjeg sabiex jgħelbu l-ostakli speċifiċi tagħhom għal impjeg. Il-ftehimiet jiddefinixxu l-għanijiet, l-iskedi taż-żmien, ir-responsabbiltajiet reċiproċi u l-klawsoli ta' rieżami, u jindikaw il-miżuri disponibbli ta' appoġġ attiv u ta' appoġġ għad-dħul u s-servizzi disponibbli ta' appoġġ soċjali. Il-ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjeg jorbtu r-riċeviment tal-benefiċċji mal-parteciċipazzjoni fil-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u fl-attivitajiet ta' tfittxija ta' impjeg, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti.</p>	<p>Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, ftehim ta' integrazzjoni f'impjeg ifisser ftehim bil-miktub bejn il-persuna li tkun qiegħda tfittex impjeg u l-punt ta' kuntatt waħdieni, bl-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn impjeg fis-suq tax-xogħol. Dawn il-ftehimiet, li jifasslu sabiex jirriflettu s-sitwazzjoni individwali tal-persuna li tkun qiegħda tfittex impjeg, jagħtu d-dettalji dwar pakkett ta' miżuri individwalizzati li jkunu disponibbli fil-livell nazzjonali (is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-taħriġ, is-servizzi soċjali), u li jkollhom l-għan li jappoġġaw u li jagħtu s-setgħa lill-persuni li jkunu qiegħdin ifittxu impjeg sabiex jgħelbu l-ostakli speċifiċi tagħhom għal impjeg. Il-ftehimiet jiddefinixxu l-għanijiet, l-iskedi taż-żmien, ir-responsabbiltajiet reċiproċi u l-klawsoli ta' rieżami, u jindikaw il-miżuri disponibbli ta' appoġġ attiv u ta' appoġġ għad-dħul u s-servizzi disponibbli ta' appoġġ soċjali. Il-ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjeg jorbtu r-riċeviment tal-benefiċċji mal-parteciċipazzjoni fil-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u fl-attivitajiet ta' tfittxija ta' impjeg, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti, immirati għal inklużjoni soċjali effettiva.</p>

Emenda 9

Proposta għal rakkomandazzjoni

L-ewwel paragrafu

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Jappoġġaw ir-reġistrazzjoni tal-persuni li jkunu qiegħdin ifittxu impjeg u jappoġġaw orjentazzjoni tal-miżuri ta' integrazzjoni li tkun iktar qrib is-suq tax-xogħol. Jipprovdut valutazzjoni individwali lill-persuni rreġistrati li jkunu ilhom qiegħda. Joffru ftehim speċifiku ta' integrazzjoni f'impjeg, għall-persuni li jkunu ilhom qiegħda, mhux iżjed tard minn meta jagħlqu 18-il xahar qiegħda. Għal dak l-għan:</p>	<p>Jappoġġaw ir-reġistrazzjoni tal-persuni li jkunu qiegħdin ifittxu impjeg u jappoġġaw orjentazzjoni tal-miżuri ta' integrazzjoni li tkun iktar qrib is-suq tax-xogħol. Jipprovdut valutazzjoni individwali lill-persuni rreġistrati li jkunu ilhom qiegħda. Joffru ftehim speċifiku ta' integrazzjoni f'impjeg, għall-persuni li jkunu ilhom qiegħda, mhux iżjed tard minn meta jagħlqu 18-il xahar qiegħda; jipprovdut impjeg sussidjat biex dan jikkomplementa l-isforz għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, sabiex jiġu indirizzati l-qgħad u l-esklużjoni soċjali. Fejn l-integrazzjoni ma tirnax, għandu jiġi previst appoġġ universali ta' dħul. Għal dak l-għan:</p> <p>It-tisħiħ tas-servizzi tal-impjeg eżistenti.</p>

Emenda 10

Proposta għal rakkomandazzjoni

L-ewwel paragrafu – żid punt ġdid wara l-ewwel paragrafu –

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
	<p><i>Jiġu stabbiliti servizzi tal-impjiegi bir-riżorsi u l-persunal kwalifikat li jeħtieġu biex ikunu kapaċi jilhq u l-għanijiet stabbiliti fir-rakkomandazzjoni. L-istandards għad-definizzjoni ta' dawn is-servizzi għandhom jiġu derivati mir-riżultati tal-ħidma tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu indikati liema huma r-riżorsi meħtieġa għall-adattament tal-istrutturi eżistenti u jiġi stabbilit kif u fejn jistgħu jinsabu, b'referenza għall-possibilitajiet ta' kofinanzjament li diġà huma eżistenti, bħar-Regolament (UE) Nru 1301/2013 dwar il-FEŻR u r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 dwar l-FSE, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà li jiġu esplorati soluzzjonijiet fil-livell tal-UE permezz ta' approprjazzjoni tal-Fondi Ewropej maħsuba esklużivament għal dan l-għan, fid-dawl tal-fatt li t-tnaqqis tal-qgħad fit-tul huwa mira strateġika fundamentali għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Appoġġ ekonomiku jista' wkoll jintuża għat-twettiq ta' aktar riformi organizzattivi tas-sistemi tas-servizzi tal-impjiegi fil-pajjiżi fejn il-Kummissjoni u l-Kunsill jikkunsidraw li huma meħtieġa, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.</i></p>

Raġuni

Minħabba d-differenzi eżistenti bejn is-servizzi ta' impjieg tal-Istati Membri, hija meħtieġa azzjoni biex jitjieb l-istandard ta' interventi fil-pajjiżi kollha. Għal dan, ir-rakkomandazzjoni li jiġu adattati s-servizzi trid tiġi akkumpanjata mill-proċess ta' identifikazzjoni tal-mekkaniżmi meħtieġa biex jappoġġawhom, peress li l-istrutturi tas-servizzi tal-impjieg huma ġeneralment iktar dgħajfin f'dawk il-pajjiżi fejn il-qgħad fit-tul huwa l-ogħla. Ir-regolamenti tal-FEŻR u tal-FSE jipprovdu opportunitajiet ta' kofinanzjament għall-investimenti fl-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol u/jew għall-modernizzazzjoni tagħhom.

Emenda 11

Proposta għal rakkomandazzjoni

It-Tielet Paragrafu

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
<p>Il-valutazzjoni u l-approċċ individwali</p> <p>Is-servizzi tax-xogħol, flimkien ma' imsieħba oħra li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, jipprovdu gwida personalizzata lil dawk li huma kkonċernati.</p> <p>(2) Jiżguraw li l-persuni kollha li jkunu ilhom qiegħda jingħataw valutazzjonijiet individwali ddettaljati u gwida mhux iktar tard minn meta jagħlqu 18-il xahar qiegħda. Il-valutazzjoni għandha tkopri l-prospetti tagħhom li jsibu impjieg, l-ostakli għall-impjieg u l-isforzi preċedenti ta' tfitxija ta' impjieg.</p>	<p>Il-valutazzjoni u l-approċċ individwali</p> <p>Is-servizzi tax-xogħol, flimkien ma' msieħba oħra li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u jinvolvu fornituri privati tas-servizzi tal-impjiegi u aġenziji għax-xogħol awtorizzati, jipprovdu gwida personalizzata lil partijiet interessati.</p> <p>(2) Jiżguraw li l-persuni kollha li jkunu ilhom qiegħda jingħataw valutazzjonijiet individwali ddettaljati u gwida mhux iktar tard minn meta jagħlqu 18-il xahar qiegħda. Il-valutazzjoni għandha tkopri l-prospetti tagħhom li jsibu impjieg, l-ostakli għall-impjieg u l-isforzi preċedenti ta' tfitxija ta' impjieg.</p>

Raġuni

Aġenziji privati tal-impjieg u l-aġenziji għax-xogħol awtorizzati għandhom rwol xi jwettqu.

Emenda 12

Proposta għal rakkomandazzjoni

Is-Sitt Paragrafu

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
Il-persuni rreġistrati li jkunu ilhom qiegħda li ma jkunux koperti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, jiġu offruti ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg mhux iżjed tard minn meta jagħlqu 18-il xahar qiegħda. Dan għandu jinkludi, minn tal-inqas, offerta ta' servizz individwali li tkun immirata biex jinstab impjieg u l-identifikazzjoni ta' punt ta' kuntatt waħdieni.	Il-persuni rreġistrati li jkunu ilhom qiegħda li ma jkunux koperti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, jiġu offruti ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg fi żmien 18-il xahar minn meta jsiru qiegħda. Dan għandu jinkludi, minn tal-inqas, offerta ta' servizz individwali li tkun immirata biex jinstab impjieg u l-identifikazzjoni ta' punt ta' kuntatt waħdieni. Il-ftehim ta' integrazzjoni tax-xogħol għandu jtfassal permezz ta' interazzjoni proattiva mal-persuna qiegħda inkwistjoni, billi titqiegħed fiċ-ċentru u ssir responsabbli b'mod konġunt.

Raġuni

Ikun utli li tiġi stabbilita azzjoni bikrija għall-persuni qiegħda, qabel 12-il xahar (wara dan il-perjodu jitqiesu li jkunu ilhom qiegħda). Barra minn hekk, il-persuni qiegħda għandhom ikunu involuti aktar fid-definizzjoni tal-profil u l-potenzjal tagħhom sabiex dan ikompli jgħeġġelhom jaċċettaw offerti potenzjali ta' taħriġ jew xogħol.

Emenda 13

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 7

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
Jistabbilixxu sħubijiet bejn min iħaddem , l-imsieħba soċjali, is-servizzi tal-impjieg, l-awtoritajiet tal-gvern u s-servizzi soċjali sabiex jiġi żgurat li l-offerti jkunu mmirati għall-bżonnijiet reali tal-impriżi u tal-impjegati.	Jistabbilixxu sħubijiet bejn min iħaddem , l-imsieħba soċjali, is-servizzi tal-impjieg, l-awtoritajiet tal-gvern u s-servizzi soċjali sabiex jiġi żgurat li l-offerti jkunu mmirati għall-bżonnijiet reali tal-impriżi u tal-impjegati.

Emenda 14

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 8

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda tal-KtR</i>
Jiżviluppaw servizzi għal min iħaddem bħall-iskrinjar tal-postijiet tax-xogħol battala, bħall-appoġġ ta' kollokament, bħall-għoti ta' pariri u bħat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u bħall-appoġġ ta' wara l-kollokament sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni li jkunu ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol.	Jiżviluppaw servizzi għal min iħaddem bħall-iskrinjar tal-postijiet tax-xogħol battala, bħall-appoġġ ta' kollokament, bħall-għoti ta' pariri u bħat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u bħall-appoġġ ta' wara l-kollokament sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni li jkunu ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol, billi jintużaw, kull meta jkun meħtieġ, politiki attivi dwar l-impjegati eżistenti mmirati lejn dan il-grupp fil-mira.

Raġuni

Biex tiġi enfasizzata l-importanza ta' politiki attivi dwar l-impjiegi.

Emenda 15

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 9 – Żid paragrafu ġdid:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Integrazzjoni akbar fl-użu tal-Fondi Strutturali, pereżempju li jorbtu l-attivitajiet ta' taħriġ iffinażjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) mal-azzjoni għall-appoġġ tat-tkabbir u l-innovazzjoni ffinanzjata minn fondi strutturali oħra, bi previżjoni, b'mod partikolari, ta' inċentivi possibbli għall-kumpaniji li jimpjegaw persuni li jkunu ilhom qiegħda fit-tul. Il-finanzjament mill-FSE jista' jintuża għat-taħriġ ta' dawn il-persuni. L-Istati Membri u r-Reġjuni huma mistiedna jivverifikaw jekk huwiex possibbli li jiffinanzjaw lill-awtoritajiet li jiffavorixxu proġetti ta' integrazzjoni funzjonali fost il-fondi strutturali anki eventwalment permezz tar-riżorsi pprovduti mir-Riżerva ta' Prestazzjoni.</i></p>

Raġuni

Peress li l-inklużjoni ta' dawk li ilhom qiegħda b'mod inerenti hija iktar diffiċli, għandu jsir l-aħjar użu tal-Fondi Strutturali biex jappoġġjaw l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' primjum għall-impriżi li, meta jirreklutaw, jiffukaw fuq persuni li jkunu ilhom qiegħda, li t-taħriġ tagħhom jista' jiġi appoġġat minn fondi tal-FSE.

Emenda 16

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 10 – Żid paragrafu ġdid "B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:"

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i><u>Tħejji analiżi ex ante tal-politiki attivi dwar l-impjiegi immirati b'mod speċifiku għal dawk li ilhom qiegħda fit-tul sabiex jiġi propost it-twaqqif ta' miżuri speċifiċi fl-Istati Membri. Barra minn hekk, issaħħaħ l-analiżi dwar il-politiki attivi kkombinati ma' mogħdijiet ta' impjiegi ta' interess pubbliku u appoġġ għad-dħul, bil-ħsieb li l-mogħdija ta' impjiegi tingħaqad mal-kisba ta' ħiliet għall-użu fis-suq tax-xogħol. Il-mogħdijiet ta' politika attiva marbutin ma' xogħlijiet ta' servizz fil-komunità għandhom jitmexxew mis-servizzi pubbliċi għall-impjiegi.</u></i></p>

Raġuni

Qed tiġi rakkomandata analiżi ex-ante ta' politiki attivi dwar l-impjiegi. Li jissaħħu l-miżuri ta' politika attiva kemm bil-kollegament mal-kuntratt/patt ta' integrazzjoni kif ukoll bil-possibbiltà ta' mogħdija ta' interess pubbliku bil-ħsieb li jinkisbu ħiliet professjonali li jistgħu jintużaw fis-suq tax-xogħol fit-tmiem tal-mogħdijiet ta' interess pubbliku.

Emenda 17

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 10 – Żid paragrafu ġdid “B’DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:”

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Tifformula rakkomandazzjonijiet għal istandards kwalitattivi u kwantitattivi li għandhom jilhqqu s-servizzi tal-impjieg f’kull pajjiż fuq il-bażi tal-proposti tan-Netzwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014) filwaqt li tiġi prevista l-appropriazzjoni ta’ Fondi Komunitarji għat-tisħiħ tas-servizzi għall-impjiegi.</i></p>

Raġuni

L-Istati Membri għandhom jistrutturaw is-servizzi tal-impjieg tagħhom biex jiġi indirizzat il-qgħad strutturali permezz ta’ użu aħjar tal-fondi tal-FSE. Il-qgħad addizzjonali determinat miċ-ċiklu jista’ jiġi indirizzat b’riżorsi komuni li l-pajjiżi kollha, hu x’inhu l-livell ta’ qgħad strutturali tagħhom, jistgħu jiddependu fuqhom. Dan jippermetti stabbilizzazzjoni taċ-ċiklu li l-pajjiżi kollha għandhom jibbenefikaw minnha tul il-perjodu medju u dak twil.

Emenda 18

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 10 – Żid paragrafu ġdid “B’DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:”

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Tagħmel distinzjoni bejn il-qgħad strutturali (fejn kull pajjiż irid juża r-riżorsi proprji tiegħu jew tal-obiettiv tematiku tal-FSE dwar “It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva”) u l-qgħad li jirriżulta minn fażijiet ta’ reċessjoni aktar intensi u mtawla, li, peress li jwasslu għal żidiet sinifikanti fil-livelli tal-qgħad, ikunu ta’ tensjoni akbar għas-servizzi tal-impjiegi.</i></p> <p><i>Tinkoraġixxi lill-Istati Membri biex jikkwantifikaw fuq il-bażi ta’ standards definiti minn qabel, l-appoġġ temporanju addizzjonali meħtieġ mill-istrutturi eżistenti sabiex jindirizzaw l-iskossi ekonomiċi.</i></p> <p><i>Tivvaluta l-possibbiltà li jiġu appoġġjati l-ispejjeż addizzjonali matul ir-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Is-soluzzjonijiet identifikati għandhom ikunu soġġetti għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta’ riformi biex tittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi tal-impjieg pubbliċi u privati fl-Istati Membri u, fil-każijiet u d-direzzjoni identifikati mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.</i></p>

Emenda 19

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 10 – Żid paragrafu ġdid “B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:”

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Thegħgēg l-integrazzjoni bejn l-attivitajiet ta' appoġġ għall-qgħad fit-tul u attivitajiet ta' appoġġ aktar ġenerali għall-faqar, b'tali mod li fejn l-għan ta' integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ma jkunx intlaħaq u jkun hemm tnaqqis fil-benefiċċji għall-qgħad, il-persuna qiegħda inkwistjoni madankollu tingħata dħul minimu (naturalment wara li jsir test tal-mezzi) bil-kundizzjoni li l-persuna taċċetta li twettaq servizz komunitarju temporanju b'dimensjoni ta' taħriġ, maħsub biex iressaq lill-persuni qiegħda lura lejn ix-xogħol filwaqt li tiġi ggarantita l-inklużjoni soċjali.</i></p>

Raġuni

Fil-każ fejn dawk li ilhom qiegħda ma jergħhux jiddaħħlu fid-dinja tax-xogħol, iridu jinstabu soluzzjonijiet xierqa biex jiġi evitat ir-riskju ta' marġinalizzazzjoni u faqar, li jinvolve spiża għas-soċjetà u riskju għall-koeżjoni soċjoekonomika ladarba jispiċċaw il-benefiċċji għall-qgħad.

Emenda 20

Proposta għal rakkomandazzjoni

Punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Tevalwa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonċernati, l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, u tirrapporta lill-Kunsill sa ... [tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni] dwar it-tagħlimiet meħuda.</p>	<p>Tevalwa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonċernati, l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> — biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, bil-għan li tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad fit-tul, ibbażata fuq indikaturi ekonomiċi u finanzjarji komuni. — barra minn hekk tevalwa, matul ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, il-prijoritajiet li għalihom iridu jiġu indirizzati r-riżorsi tal-UE kemm sabiex titkompla l-azzjoni għall-garanzija għaż-żgħażaġ kif ukoll sabiex isir intervent iktar xieraq kontra l-qgħad fit-tul permezz ta' inizjattivi speċjali bħall-ħolqien ta' fond ad hoc (fuq il-mudell tal-garanzija għaż-żgħażaġ, fond ta' garanzija għall-adulti) sabiex jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul; <p>u tirrapporta lill-Kunsill sa ... [tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni] dwar it-tagħlimiet meħuda.</p>

Raġuni

Il-qgħad fit-tul huwa biss parti minn problema iktar ġenerali tal-faqar, b'konsegwenzi ekonomiċi u soċjali partikolarment serji. Huwa għalhekk meħtieġ li l-azzjonijiet imsemmija fir-rakkomandazzjoni jkollhom ukoll il-kopertura f'termini ta' appoġġ għall-faqar li jeħtieġ li jiġu mistiedna jadottawh il-pajjiżi kollha li għadhom ma għamlux dan.

II. PROPOSTI U RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti preliminari

1. Filwaqt li jirrikonoxxi l-hteġa għall-proposta għal rakkomandazzjoni biex jiġu rispettati l-prinċipji ta' sussidjarjeta u proporzjonalità, jilqa' l-fatt li t-test jindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-qgħad fit-tul. Dan huwa, skont id-Dokument tal-5 Presidenti (Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa), "waħda mir-raġunijiet ewlenin tal-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali. [...] Għalhekk huma essenzjali swieq tax-xogħol effiċjenti li jippromovu livell għoli ta' impjiegi u li jkunu kapaċi jassorbu xokkijiet mingħajr ma joħlqu qgħad eċċessiv [...]"

2. jinnota l-importanza tal-fatt li l-proposta tenfasizza l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni qiegħda fis-suq tax-xogħol, u tagħti lis-servizzi tal-impjeg il-kompitu li jkunu responsabbli għall-persuna, u tinvolvi lill-atturi intraprenditorjali u soċjali kollha u lis-settur pubbliku biex jappoġġjaw l-integrazzjoni;

3. jisħaq dwar l-enfasi li ssir fuq l-istrumenti li jirregolaw is-sistema, bħala parti mill-istrateġija ta' punt ta' kuntatt waħdieni;

4. jenfasizza l-importanza li jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji lokali; jenfasizza li l-qgħad fit-tul mhux sostenibbli u jfakkar l-importanza tat-tbassir tal-ħiliet meħtieġa u t-tqabbil tagħhom mal-ħtieġijiet tas-suq tax-xogħol; Foqsmha b'nuqqasijiet sinifikanti ta' tlaqqiġ fil-ħiliet, il-programmi ta' taħriġ biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa għandhom jiġu rinfurzati. Attenzjoni partikolari għandi tingħata fuq il-ħiliet tal-lingwa għall-migranti qiegħda u l-persuni li qed ifittxu l-ażil;

5. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-proposta għandha wkoll implikazzjonijiet sinifikanti fl-indirizzar tal-faqar, li għadu waħda mill-miri l-aktar diffiċli biex jintlaħqu tal-Istrateġija Ewropa 2020 minħabba l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika.

Kummenti ġenerali

Madankollu, filwaqt li tagħmel dan, il-Kumitat jinnota li l-proposta tidher li tinjora ċerti elementi, u b'mod partikolari:

6. ifakkar fil-hteġa li tingħata spinta lis-servizzi pubbliċi tal-impjeg u li jsiru aktar effettivi u effiċjenti. Din ir-rakkomandazzjoni fil-fatt sempliċement tipproponi koordinazzjoni akbar tal-attivitajiet ta' appoġġ li għadhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-diversi pajjiżi, u ma tagħtix biżżejjed attenzjoni lill-varjazzjoni eżistenti, f'termini tad-daqs tal-problema u l-istrutturi maħsuba sabiex tiġi indirizzata, kif diġà rajna fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. F'ħafna pajjiżi jeħtieġ tisħiħ sinifikanti tas-servizzi tal-impjeg. Bħala eżempju ta' din il-varjazzjoni, il-proporzjon bejn l-operaturi tas-servizzi tal-impjeg u l-popolazzjoni attiva huwa ta' 1 għal 400 fil-Ġermanja, 1 għal 600 fi Franza u 1 għal 3 000 fl-Italja;

7. jirrakkomanda li ssir ħidma aktar mill-qrib mas-servizzi privati tal-impjeg u li jiġu involuti l-aġenziji ta' xogħol temporanju f'każijiet fejn is-servizzi pubbliċi tal-impjeg mhumiex kapaċi jagħtu parir biżżejjed u jgħinu lil dawk li ilhom qiegħda;

8. jappella għal kooperazzjoni aktar stretta bejn l-Istati Membri u r-reġjuni sabiex jitnaqqsu r-rati tal-qgħad fl-UE b'mod l-aktar effikaċi possibbli billi lil dawn it-tipi ta' programmi jingħataw aktar spazju fil-mezzi tax-xandir. Pereżempju, in-netwerk EURES jista' jiġi promoss permezz ta' kampanja ta' reklamar li tinvolvi t-televixin, l-Internet jew midja tal-massa oħra sabiex dawk li qegħdin ifittxu impjeg barra minn pajjiżhom ikollhom informazzjoni aġġornata dwar l-opportunitajiet ta' impjeg; għalhekk jirrakkomanda li tiġi stabbilita kooperazzjoni internazzjonali bejn is-servizzi tal-impjiegi u servizzi soċjali oħra sabiex jiġi żgurat skambju aktar effiċjenti u aktar malajr ta' informazzjoni u data;

9. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati r-riżorsi meħtieġa biex jadattaw għall-aħjar Prattiki. Dan jista' jsir billi jintużaw ir-riżultati tal-ħidma tan-Netzwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjeggi (Deċiżjoni 573/2014/UE), biex issir stima tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex iwasslu lill-pajjiżi kollha għall-istandards stabbiliti u jiġu suġġeriti modi biex jiġu appoġġjati l-isforzi li kull pajjiż għandu jsewgi biex jindirizza n-nuqqasijiet;

10. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-komponent strutturali tal-qgħad u l-komponent dinamiku determinat mill-evoluzzjoni partikolari taċ-ċiklu. Is-servizzi tal-impjeggi (strutturati biex jindirizzaw l-ewwel komponent) għandhom ikunu jistgħu jadattaw malajr għall-ħtieġiet addizzjonali li jinħolqu minn ċikli ekonomiċi partikolarment negattivi. L-ispejjeż għall-adattament tal-istrutturi eżistenti għal dawn ir-rekwiżiti għandhom jitħallsu mill-Istati Membri, bl-użu wkoll tal-FEŻR u tal-FSE (taħt l-objettiv tematiku li jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva). Bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali jistgħu jiġu evalwati l-effetti tal-miżuri u eventwalment tal-adattamenti meħtieġa tar-Regolamenti tal-UE;

11. jenfasizza l-importanza ta' investment fil-kapital uman; madankollu jirrimarka li, peress li dan huwa investment fit-tul, in-negozji għandhom tendenza li jagħtu preferenza lill-persuni żgħażaġh u gradwati riċenti, u dan iqiegħed lill-ħaddiema prospettivi maturi jew ta' mezza età fi żvantaġġ. Il-ġlieda kontra l-qgħad teħtieġ inċentivi li jħeġġu lill-ħaddiema qiegħda maturi jew ta' mezza età sabiex jerġgħu jitħarrġu, u li jiżguraw li s-setturi privati u pubbliċi jkollhom interess jimpjegaw dawn il-persuni. Sabiex il-qgħad fit-tul jiġi miġġieled bl-istess mod huwa importanti li jiġi promoss it-tagħlim permanenti indirizzati għat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol eżistenti u tal-ħaddiema mhux kwalifikati;

12. jenfasizza li dan il-każ ta' modernizzazzjoni tas-servizzi tal-impjeg jista' jkun kapaċi jintervjeni fuq il-qgħad fit-tul, iżda wkoll fuq il-qgħad fuq perjodu qasir u l-qgħad fost iż-żgħażaġh;

13. jirrimarka li l-modernizzazzjoni proposta tas-servizzi tal-impjeg hija proċess twil u diffiċli, speċjalment fl-Istati Membri fejn is-sistema attwali hija inflessibbli u burokratika. It-tħaddim tajeb tal-punti uniċi ta' kuntatt individwali jiddependi ħafna mill-flessibbiltà tal-istituzzjonijiet ikkonċernati u minn tixrid adegwat u mgħaġġel ta' informazzjoni. Dawn il-punti uniċi ta' kuntatt jistgħu jkunu responsabbli għall-preparazzjoni ta' servizzi personalizzati ta' appoġġ iżda jrid jitqies li dan jista' jikkostitwixxi piż amministrattiv sostanzjali abbażi tan-numru ta' persuni li jfittxu impjeg. Madankollu, dawn il-punti ta' kuntatt għandu jkollhom persunal kwalifikat kif dovut li jkun kapaċi mhux biss li jinforma dwar il-postijiet battala eżistenti iżda wkoll jivvaluta il-personalità u l-ħiliet prinċipali ta' dawh li qed ifittxu impjeg. Il-Kumitat għalhekk jappella li l-Istati Membri jqisu dawn il-fatturi meta jistabbilixxu dawn il-mekkaniżmi;

14. jinnota l-ħtieġa li ssir enfasi akbar fuq miżuri min-naħa tad-domanda, billi meta d-domanda għax-xogħol tistaġna jkun diffiċli għal persuna qiegħda biex issib xogħol, anke jekk ikollha programm ta' taħriġ personalizzat. F'dan ir-rigward, filwaqt li japprezza l-punti mogħtija fir-rakkomandazzjoni bil-għan li jissaħħu r-relazzjonijiet ma' min iħaddem, il-Kumitat jemmen li jkun siewi li tingħata spinta akbar biex ikun hemm integrazzjoni tal-inizjattivi tal-Fondi Strutturali sabiex tissaħħaħ id-domanda għax-xogħol. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li huma mmirati lejn kumpaniji jistgħu jressqu proġetti innovattivi maħsuba biex iżidu l-kompetittività tas-sistema, u ta' spiss jipprovdu għall-possibbiltà ta' reklutaġġ ta' persuni mħarrġa b'mod xieraq. F'dawn il-każijiet ir-rabta ma' attivitajiet ta' taħriġ iffinanzjati mill-FSE tista' tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni qiegħda. L-użu integrat għandu jkun inċentiv minn naħa tal-Istati Membri anke permezz ta' simplifikazzjonijiet għall-SMEs u l-użu tar-“riżerva ta' prestazzjoni”;

15. jinnota li, billi r-riskju li l-persuni li ilhom qiegħda fit-tul isiru marġinalizzati jekk l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom ma tirnaxxix u meta l-benefiċċji tal-qgħad tagħhom jintemmu, huwa essenzjali li kull pajjiż jipprovdi miżuri biex jiġi miġġieled il-faqar f'konformità mal-linji gwida li l-Kummissjoni Ewropea diġà stabbilixxiet fir-rakkomandazzjoni tagħha tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (2008/867/KE), imsemmija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Lejn Investment Soċjali għat-ktabbir u l-koeżjoni (COM(2013) 083 final). Il-KtR jittama li l-Istati Membri jimplementaw b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea;

16. jinnota l-ħtieġa, barra minn hekk, li l-aċċess għall-appoġġ għal dawh fil-faqar ikun bil-kundizzjoni li jaċċettaw xogħol ta' servizz komunitarju, għal perjodu ta' żmien limitat u bħala parti mill-proċess ta' taħriġ ta' integrazzjoni mill-ġdid;

17. jenfasizza li l-korsijiet ta' taħriġ sabiex il-persuni jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol għandhom jiġu organizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jiksbu l-aħjar riżultati fil-livelli kollha u sabiex jitnaqqsu l-iżolament professjonali u soċjali u l-livelli ta' faqar. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li miżuri bħal dawn għandhom effetti pożittivi peress li jinkoraġixxu liċ-ċittadini tal-UE li marru jaħdmu fi Stat Membru ieħor għal raġunijiet finanzjarji jew biex itejbu l-għajxien tagħhom sabiex jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Dan għandu jnaqqas l-immigrazzjoni ekonomika, filwaqt li jtejjeb il-possibbiltajiet li wieħed isib xogħol u l-mezzi ta' għajxien fis-suq tax-xogħol lokali;

18. jisħaq dwar ir-rwol ewlieni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, peress li dawn huma l-protagonisti ewlenin naturali ta' dan il-proċess ta' titjib tas-servizzi tal-impjeg, ukoll minħabba li f'ħafna Stati Membri l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali hija fil-kompetenza tagħhom. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet jistgħu jaqdu rwol importanti fl-organizzazzjoni u l-iżvilupp tat-taħriġ vokazzjonali u tat-taħriġ tal-adulti, peress li hemm nuqqas ta' ċentri ta' taħriġ għall-adulti f'ħafna reġjuni, u speċjalment fl-irħula. Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa dejjem aktar importanti peress li dawn jafu s-suq tax-xogħol lokali u għandhom kuntatti mal-intrapriżi lokali, li jistgħu jiffaċilitaw it-taħriġ vokazzjonali prattiku. Barra minn hekk, il-persuni li jixtiequ jipparteċipaw ftahrig għall-adulti jew ftahrig vokazzjonali jkollhom jivvjaġġjaw minn post għall-ieħor għal diversi xhur. Dan huwa ta' spiża addizzjonali li, persuna li tfittex ix-xogħol li tirċievi fitit benefiċċji, jew l-ebda benefiċċju, bilkemm tkun tiffah tħallas;

19. jitlob għalhekk li l-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tagħti aktar importanza lid-dimensjoni reġjonali tal-problema u jitlob lill-Kunsill jikkunsidra r-rwol ewlieni li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu fit-titjib tal-effiċjenza tas-servizzi tal-impjeg.

Brussell, l-10 ta' Frar 2016.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA
